

32004L0020

L 70/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

9.3.2004

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2004/20/KE****tat-2 ta' Marzu 2004****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar l-inklużjoni tal-klorprofam bħala sustanza attiva****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti<sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol riferut fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tikkonċerna l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jitpoġġew fis-suq<sup>(2)</sup> jstabbilixxi lista ta' sustanzi attivi sabiex issir stima, b'ħarsa lejn l-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista tinkludi l-klorprofam.
- (2) Għall-klorprofam, għet magħmula stima ta' l-effetti fuq is-saħħa umana u l-ambjent skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 3600/92 għal sensjela ta' modi kif jiġi użat kif propost minni dawk li jinnotifikaw. L-Olanda kienet nominata bħala l-Istat Membru li jirrapporta, skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 933/94 tas-27 ta' April 1994 li jippreskrivi s-sustanzi attivi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jinnomina l-Istat Membru li jirrapporta għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92<sup>(3)</sup>. L-Olanda ressqet ir-rapport ta' l-istima u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Kummissjoni fit-30 t'April 1996 skond l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92.
- (3) Dan ir-rapport ta' l-istima għe revizjonat mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Food Chain u s-Saħħa ta' l-Animali.
- (4) Din ir-reviżjoni għet konkluzja fit-28 ta' Novembru 2003 fil-format tar-rapport tar-reviżjoni tal-Kummissjoni dwar il-klorprofam.
- (5) Din ir-reviżjoni dwar il-klorprofam ma qajmet l-ebda mistoqsija jew kwistjonijiet, u li kieku kienet tirrekjedi konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti.
- (6) Mid-diversi testijiet li saru deher li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-klorprofam għandhom jissodisfaw, ġeneralment, il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, partikolarment dwar il-modi ta' użu li għew eżaminati u dettaljati fir-rapport tar-reviżjoni tal-Kummissjoni. Huwa għalhekk xieraq li l-klorprofam jiġi inkluż fl-Anness I, sabiex ikun żgurat li fl-Istati Membri kollha, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-klorprofam ikunu awtorizzati skond id-disposizzjonijiet ta' dik id-direttiva.
- (7) Għandu jingħata perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex tagħti ċans lill-Istati Membri u l-partijiet interessati biex jippreparaw irwiehom biex jilqgħu l-kondizzjonijiet ġodda li jirriżultaw minn din l-inklużjoni.
- (8) Wara l-inklużjoni, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu raġonevoli ta' żmien sabiex jimplementaw id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom il-klorprofam, u partikolarment, sabiex jagħmlu reviżjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet eżistenti sabiex jiżguraw li jissodisfaw il-kondizzjonijiet dwar is-sustanzi attivi kif imqiegħda fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Perjodu itwal għandu jingħata sabiex jitressaq u ssir stima tad-dokument komplut ta' kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-prinċipji uniformi stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE.
- (9) Huwa għalhekk xieraq li tiġi emendata d-Direttiva 91/414/KEE skond dawn id-disposizzjonijiet.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Food Chain u s-Saħħa ta' l-Animali.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipublikaw sal-31 ta' Lulju 2005 dawk il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi li huma neċessarji sabiex tiġi mħarsa din id-Direttiva. Huma għandhom jgħaddu minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-disposizzjonijiet, u tabella li turi l-korrelazzjoni bejn dawn id-disposizzjonijiet u din id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU L 230, tad-19.8.1991, pġ. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/119/KE (ĠU L 325, tat-12.12.2003, pġ. 41).

<sup>(2)</sup> ĠU L 366, 15.12.92, pġ. 10. Ir-regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2266/2000 (ĠU L 259, 13.10.00, pġ. 10).

<sup>(3)</sup> ĠU L 107, 28.4.94, pġ. 8. Ir-regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2230/95 (ĠU L 225, 22.9.95, pġ. 1).

Huma għandhom japplikaw dawk id-disposizzjonijiet mill-1 t'Awissu 2005.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, għandu jkun hemm fihom riferenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir din ir-riferenza.

#### Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu reviżjoni ta' l-awtorizzazzjoni ta' kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih il-klorprofam sabiex jiżguraw li jkunu mħarsa l-kondizzjonijiet relatati mal-klorprofam kif misjuba fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Fejn neċessarju u sal-31 ta' Lulju 2005, għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom, għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih il-klorprofam jew bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn ħafna sustanzi attivi, li kollha kemm huma jridu jkunu fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, sal-31 ta' Jannar 2005, jergġhu jivvalutaw il-prodott skond il-prinċipji uniformi previsti fl-

Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' dokument li jissodisfa il-kondizzjonijiet ta' l-Anness III ta' dik id-Direttiva. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, huma għandhom jistabbilixxu jekk il-prodotti jissodisfawx il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE. Fejn huwa neċessarju u sal-31 ta' Lulju 2009, għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni.

#### Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2005.

#### Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

## ANNEX

## Din it-tabella li ġeja għandha tiġi miżjuda fl-aħħar ta' l-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE:

Nru	Isem komuni, Numru ta' Identifikazzjoni.	Isem tal-IUPAC	Purità <sup>(1)</sup>	Dħul fis-seħħ	Data ta' l-għeluq ta' l-inklużjoni	Disposizzjonijiet speċifiċi
'79	Klorprofam  SAK Nru. 101-21-3  CIPAC Nru 43	Izopropil 3-klorofenilkarbanejt	975 g/kg	1 Frar 2005	31 Jannar 2015	L-użu tiegħu huwa awtorizzat biss bħala erbiċida u għattrażżin tan-nebbieta.  Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni fuq il-klorprofam, u partikolarment l-Appendiċi I u II tiegħu, kif finalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Food Chain u s-Saħħa ta' l-Annimali fit-28 ta' Novembru 2003. F'din l-istima komplessiva l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil protezzjoni ta' operaturi, konsumaturi u antropodi mhux suppost li jiġu milquta. Il-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni għandhom jipprovdu miżuri ta' tnaqqis ta' riskji, meta dan huwa approprjat.

<sup>(1)</sup> Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' reviżjoni